**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' April 2021**

**Rikors Numru 45/2020**

**Attard Petroleum Services Ltd (C-44915)**

**Vs**

**Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentant minn **Attard Petroleum Services Ltd** fis-26 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu ġie premess is-segwenti:-

"

1. *Illi dan huwa appell ai termini tal-Artikolu 32 tal-Kap. 545 u Regolamenti 14 u 31 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.17 tal-Liġijiet ta' Malta minn deċiżjoni tar-Regolatur intimat li ġiet mgħoddija bil-miktub lill-kumpanija rikorrenti fl-10 ta' Ġunju 2020 (ara l-email u d-deċiżjoni annessi u mmarkati bħala '**DOK A1**' u '**DOK A2**' rispettivament);*

2. *Illi ai termini tar-Regolamenti dwar il-Petroleum fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art, l-Ibbottiljar tal-LPG U l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji (Leġislazzjoni Sussdjarja 545.17), il-kumpanija rikorrenti kienet applikat u otteniet l-awtorizzazzjoni mingħand il-predeċessur tar-Regolatur intimat, l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, "to carry out the activity of an Importer and, or Wholesaler of Petroleum" u b'hekk tkun tista' timporta, takkwista, tipposjedi, tħallat u timmaniġja d-diesel, il-gasoil u l-biodiesel f'Malta u dan skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-Awtorizzazzjoni Numru MRA/IW/14/14 (ara Awtorizzazzjoni annessa u mmarkata '**DOK B1**');*

3. *Illi permezz ta' ittra datata l-1 ta' April 2019, ir-Regolatur intimat bagħat jinforma lill-kumpanija rikorrenti li ai termini tal-istess Awtorizzazzjoni, setgħet tibda tmexxi*

*l-attività ta' importatur u, jew grossista fir-rigward tal-Jet A1 (ara ittra u l-emenda relattiva mehmuża mal-istess ittra, hawn annessi u mmarkati bħala '**DOK B2**');*

4. *Illi wara taħdidiet informali bejn il-partijiet u qabel ma skadiet l-Awtorizzazzjoni oriġinali, ir-Regolatur bagħat il-formola tal-applikazzjoni għat-tiġdid tal-Awtorizzazzjoni lill-kumpanija rikorrenti u infurmaha li l-miżata għall-applikazzjoni kienet ta' €233. Fl-istess komunikazzjoni, ir-Regolatur intimat informa lill-kumpanija rikorrenti li setgħet tħallas is-somma ta' €2,329 rappreżentanti l-miżata annwali tal-Awtorizzazzjoni (ara dokumenti annessi u mmarkati '**DOK C1**'). Dakinhar stess il-kumpanija rikorrenti ħallset dawn il-miżati (ara cheques u rċevuti anness u mmarkati '**DOK C2**');*

5. *Illi l-għada, ir-Regolatur reġa' bagħat e-mail lill-kumpanija rikorrenti fejn infurmaha li kellha tibgħat ukoll Business Plan sabiex ikunu jistgħu jipproċessaw l-applikazzjoni "and thus issue the authorisation" (ara e-mail annessa u mmarkata '**DOK D**');*

6. *Illi fis-26 ta' Frar 2020, ir-Regolatur intimat bagħat jinforma li kien hemm bżonn ta' xi emendi u żidiet fir-rigward tal-applikazzjoni. F'din l-email, ir-Regolatur jagħmilha ċara li "the Authorisation cannot be renewed prior to the submission of the above documentations" u ta terminu lill-kumpanija rikorrenti sabiex tagħmel dan sat-30 ta' Marzu 2020 (ara ittra annessa u mmarkata '**DOK E**');*

7. *Illi l-kumpanija rikorrenti għamlet dan minnufih tant illi sad-9 ta' Marzu 2020 kienet issottomettiet id-dokumenti kollha rikjesti (ara dokumenti annessi u mmarkati '**DOK F1**', u evidenza ta' notifika tal-ittra reġistrata '**DOK F2**');*

8. *Illi fl-10 ta' Ġunju 2020, il-kumpanija rikorrenti rċeviet l-email mingħand ir-Regolatur intimat (annessa bħala 'DOK A1') fejn infurmaha bid-deċiżjoni tiegħu (annessa bhala 'DOK A2') li:*

   > *"In view to the above, the Regulator therefore concluded that Attard Petroleum Services Ltd. is not carrying out any activities related to the importation and, or wholesale of petroleum products and hence the request for the renewal of authorisation to carry put the activity of an importer and, or wholesaler of petroleum is being refused";*

   *Inċidentalment, minkejja illi l-email bid-deċizjoni ġiet mibgħuta lill-kumpanija rikorrenti fl-10 ta' Ġunju 2020, id-data tal-ittra taqra 9 ta' Ġunju 2020;*

9. *Illi l-motivazzjoni għal tali rifjut mir-Regolatur intimat hija għalkollox żbaljata u mingħajr bażi fil-liġi, u għandha tiġi revokata fl-intier tagħha, u dan inter alia, għar-raġunijiet segwenti:*

   *(i) Ir-Regolatur intimat għamel konsiderazzjonijiet żbaljati tal-fatti;*

   *(ii) Il-kumpanija rikorrenti segwiet dak mitlub minnha mir-Regolatur intimat, u dan mhux biss fi żmien meta kienet qed tifforma t-talba għat-tiġdid tal-Awtorizzazzjoni, iżda wkoll fis-sitt (6) snin ta' validità tal-Awtorizzazzjoni nnifisha, tant li fil-perjodu msemmi qatt ma ġiet applikata xi sospensjoni, revoka jew kanċellament tal-Awtorizzazzjoni jew xi forma ta' penali oħra fiż-żmien ta' validità tagħha. Addirittura, f'April 2019 (anqas minn sena qabel*

*it-talba għat-tiġdid) ir-Regolatur intimat awtorizza lill-kumpanija rikorrenti li taġixxi ta' importatur u, jew grossista wkoll fir-rigward ta' prodott* ***ieħor*** *(il-Jet A1);*

*(iii) Ir-Regolatur intimat, wara li ta lill-kumpanija rikorrenti aspettattivi leġittimi (legitimate expectations) illi kien sejjer iġedded l-Awtorizzazzjoni, anke qabel ma l-istess kumpanija kienet ippreżentat formalment l-applikazzjoni tagħha, naqas milli jwettaq dak li wiegħed. Il-kumpanija rikorrenti kellha għalhekk, kemm aspettattiva leġittima proċedurali li jekk ir-Regolatur intimat kien sejjer ibiddel fehmtu, kien sejjer jagħtiha d-dritt illi tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, iżda wkoll aspettattiva leġittima sostantiva meta wera lill-kumpanija rikorrenti li kulma kellu bżonn isir biex tiġġedded l-Awtorizzazzjoni kien li timtela l-applikazzjoni, titħallas il-miżata tal-applikazzjoni ta' €233, tħallas il-miżata annwali ta' €2,329 u jintbagħat il-Business Plan;*

*(iv) Filwaqt illi r-Regolament 14 tal-L.S. 545.17 jispeċifika liema huma dawk ir-raġunijiet abbażi ta' liema r-Regolatur jista' jirrifjuta talba għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, ir-Regolatur intimat fil-każ de quo ddeċieda unilateralment u mingħajr ebda dritt fil-liġi li jirrifjuta t-talba tal-kumpanija rikorrenti fuq raġunijiet li jmorru lil hinn mid-dritt konċess lilu. Id-deċiżjoni tar-Regolatur intimat hija għalhekk illegali;*

*(v) Ir-Regolatur intimat ta deċizjoni li hija kemm inġusta, kemm irraġonevoli kif ukoll mhux proporzjonata la mad-dritt ta' rifjut konċess lilu u wisq anqas mad-drittijiet tal-kumpanija rikorrenti.*

*10. Illi l-kumpanija rikorrenti hija aggravata bid-deċiżjoni tar-Regolatur intimat u għalhekk qed tressaq dan l-umli appell a tenur tal-Artikolu 32 tal-Kap. 545 u Regolamenti 14 u 31 tal-L.S. 545.17 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex it-talba għat-tiġdid tal-kumpanija rikorrenti setgħet tiġi miċħuda mir-Regolatur intimat.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u kif ukoll għal dawk ir-raġunijiet kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-kumpanija rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu jilqa' dan l-appell u b'hekk jirrevoka, iħassar u jikkanċella d-deċiżjoni tar-Regolatur intimat li ġiet mgħoddija bil-miktub lill-kumpanija rikorrenti fl-10 ta' Ġunju 2020, salv għal dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet oħra li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ."*

Ra r-risposta tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma ippreżentata fit-22 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

"

*(1) Illi mhuwiex minnu li r-Regolatur intimat għamel konsiderazzjonijiet żbaljati tal-fatti, kif se jiġi muri fit-trattazzjoni tal-kawża;*

*(2) Illi mhuwiex korrett l-applikant meta jgħid li kellu aspettativa leġittima li l-awtorizzazzjoni kellha tiġi mġedda awtomatikament mingħajr ma jħares ir-rekwiżiti tal-proċess tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni stante l-fatt li r-rikorrenti ma ssottomettiex*

*business plan sodisfaċenti li jindika b'mod realistiku l-iskop tal-operat futur tar-rikorrenti, iktar u iktar meta r-rikorrenti kien ilu żmien twil ma joperax taħt l-awtorizzazzjoni preċedenti.*

*(3) Illi mhuwiex minnu li r-rifjut tal-applikazzjoni ma kienx motivat a tenur ta' wieħed mill-konsiderazzjonijiet mogħtija fir-regolament 14 tal-L.S. 545.17, stante li r-rifjut seħħ minħabba l-fatt li l-business plan sottomess mal-applikazzjoni ma kienx fih l-informazzjoni kollha mitluba mir-Regolatur fil-formula tal-applikazzjoni jew kull informazzjoni oħra addizzjonali li r-Regolatur jista' jitlob mingħand l-applikant bil-għan li tiġi stabbilita l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, ossija dettalji dwar l-operat maħsub li jsir fit-twettiq tal-awtorizzazzjoni.*

*(4) Illi inoltre l-aggravji kollha tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li t-talba tal-appellanti għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet imsemmija, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra l-affidavit ta' Kenneth Attard;[1]

Sema' x-xhieda tal-Inġinier Conrad Maistre, ta' Bonavent Gauci u ta' Miriam Micallef Sultana;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra illi r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-soċjetà rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tar-Regolatur intimat datata 10 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha ġiet infurmata illi skont l-istess Regolatur hi ma kinitx qiegħda twettaq attivitajiet relatati mal-importazzjoni u/jew bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti tal-*petroleum* u kwindi it-talba tagħha għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni biex twettaq tali attività kienet qiegħda tiġi rifjutata. Illi ai fini ta' kompletezza d-deċiżjoni qiegħda tiġi riportata hawn taħt:

*"Reference is being made to the Application form submitted to the Regulator on 10th March together with the required documentation.*
*After reviewing the Business Plan submitted it was noted that for the past three years, the sales of diesel and petrol were carried out between companies within the Attard Group and that there is no reference to activities related to jet fuel or biodiesel. It was also noted that although the company is aiming to become an active player of the jet fuel and kerosene markets, the projections only show transactions of unspecified petroleum amounts.*

[1] A fol. 89 *et seq.* tal-proċess

*In addition, the details on the importation, wholesale and petroleum products submitted to the Regulator on a monthly basis show that Attard Petroleum Services Ltd. has not reported any imports and, or wholesale of petroleum products for the last two years.*
*In view to the above, the Regulator therefore concluded that Attard Petroleum Services Ltd. is not carrying out any activities related to the importation and, or wholesale of petroleum products and hence the request for the renewal of authorization to carry out the activity of an importer and, or wholesaler of petroleum is being refused.”*

Illi jirriżulta li din id-deċiżjoni waslet wara li l-istess soċjetà kienet ġiet mitluba mir-Regolatur sabiex tissottometti *business plan* sabiex l-applikazzjoni tagħha għat-tiġdid tal-liċenzja għall-attivitajiet imsemmijin hawn fuq tkun tista’ tiġi kkunsidrata.

**L-Inġinier Conrad Maistre** xehed illi huwa bniedem kompetenti fil-qasam ta’ materjal perikoluż u kien għen lis-soċjetà rikorrenti sabiex tapplika għat-tiġdid tal-liċenzja *de quo*. Jispjega illi s-soċjetà rikorrenti kellhom kemm liċenzja għal *primary storage* u kif ukoll għall-importazzjoni u bejgħ bl-ingrossa. Jgħid li waħda tikkumplimenta lill-oħra. Jispjega li fl-awtorizzazzjoni li kellha s-soċjetà rikorrenti ma kienx hemm imkien imniżżel illi jekk hija ma tagħmilx importazzjoni r-Regolatur seta’ jwaqqaf jew ma jġeddidx il-liċenzja.

In kontro-eżami wieġeb li preżentement u fl-aħħar sentejn fil-*primary storage* tas-soċjetà rikorrenti mhux qiegħed jinħażen prodott.

**Bonavent Gauci**, *partner* fil-Kumpanija PricewaterhouseCoopers, spjega illi s-soċjetà rikorrenti kienet inkarigatu biex jipprepara *business plan* biex jiġi sottomess lir-Regolatur, liema *business plan* jinsab esebit a fol. 52 *et seq* tal-proċess. Jispjega li fl-istess pjan hemm *projections* li huma bażikament x’kien qiegħed jistenna l-*management* tas-soċjetà rikorrenti tradotti f’numri.

**Kenneth Attard,** direttur tas-soċjetà rikorrenti, xehed illi l-għan ewlieni tas-soċjetà huwa li timporta l-fuel biex tbiegħu ġewwa Malta. Jispjega li fl-2014 ir-Regolatur kien ħareġ liċenzja sabiex is-soċjetà timporta u tbiegħ il-fuel u dan għal perjodu ta’ sitt (6) snin.

Jispjega li fid-29 ta’ Jannar 2020 huwa rċieva email mingħand ir-Regolatur biex timtela’ l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni u bejgħ ta’ fuel u wkoll sabiex iħallsu l-miżata tal-applikazzjoni u wkoll il-miżata tal-awtorizzazzjoni li titħallas kull sena. Fil-fatt is-soċjetà għaddiet biex għamlet dan u ħallset dak kollu mitlub minnha l-għada stess. Dakinhar stess, u cioè fit-30 ta’ Jannar 2020, ir-Regolatur kien talabhom jissottomettu *business plan* sabiex tkompli tiġi proċessata l-applikazzjoni. Dakinhar stess huwa bagħat email lil ċerta Liana Mercieca, uffiċjal fil-*Licensing and Enforcement Unit* fejn spjega d-diffikultajiet sabiex jinbeda l-proċess ta’ operazzjoni fosthom minħabba l-

probabbli rilokazzjoni tagħhom minn Birżebbuġa u minħabba li l-kundizzjonijiet tas-suq dak iż-żmien ma kinux jippermettu lill-fornitur tagħhom li jikkonferma li seta' jipprovdi b'mod kontinwu. Għalhekk informa lir-Regolatur li kien hemm żewġ għażliet, u cioè:

1. Jistennew li ċertu diffikultajiet jiġu ċċarati u mbagħad jissottomettu l-*business plan*, jew
2. Jippreżentaw *business plan* ibbażat fuq dak li setgħu jipprevedu dak iż-żmien, cioè l-aħjar stima possibbli b'kunsiderazzjoni tal-*issues* tar-rilokazzjoni u tal-fornitura kontinwa tal-fuel in vista tal-pandemija.

Stqarr illi fis-26 ta' Frar 2020 ġew mitluba mir-Regolatur biex jissottomettu *business plan*, liema pjan ġie mibgħut fid-9 ta' Marzu 2020. Fix-xhur sussegwenti, Mariella Cilia, uffiċjal tas-soċjetà rikorrenti, bdiet tinsisti mar-Regolatur biex tiġi infurmata fiex kienet waslet l-applikazzjoni. Jispjega li mbagħad fl-10 ta' Ġunju 2020 ġew infurmati bid-deċiżjoni appellata. Jispjega wkoll illi bejn ir-risposta sottomessa f'dan l-appell u d-deċizjoni appellata hemm diskrepanza. Dan għaliex filwaqt li d-deċiżjoni appellata kienet taqra li s-soċjetà "*is not carrying out any activities related to the importation and, or wholesale of petroleum products and hence the request for the renewal of authorisation to carry put the activity of an importer and, or wholesaler of petroleum is being refused",* fir-risposta tiegħu ir-Regolatur qal li "*r-rifjut seħħ minħabba l-fatt li l-business plan sottomess mal-applikazzjoni ma kienx fih l-informazzjoni kollha mitluba mir-Regolatur fil-formula tal-applikazzjoni jew kull informazzjoni addizzjonali li r-Regolatur jista' jitlob mingħand l-applikant bil-għan li tiġi stabbilita l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, ossija dettalji dwar l-operat maħsub li jsir fit-twettiq tal-awtorizzazzjoni."*

Ix-xhud spjega illi mkien fir-Regolamenti 545.17 jew fl-awtorizzazzjoni nnifisha ma hemm xi ħaġa li tindika li n-nuqqas ta' użu jwassal għal rifjut tat-tiġdid.

In kontro-eżami Attard jgħid illi kien diffiċli biex tippenetra s-suq tal-fuel Jet A1 peress li l-Kumpanija Enemed għandha posizzjoni dominanti fis-suq. Jispjega li biex is-soċjetà attriċi tbiegħ il-fuel Jet A1 fl-ajruport ma għandhiex bżonn il-ħażna tagħha, però biex l-istess fuel jinbiegħ fis-suq lokali iva.

In ri-eżami spjega illi n-ness bejn l-awtorizzazzjoni għaż-żamma u l-importazzjoni u l-bejgħ tal-fuel hija importanti għaliex biex tkun tista' tbiegħ irid ikollok ħażna primarja. Jispjega wkoll illi fl-2004 is-soċjetà rikorrenti kienet bdiet proċeduri legali kontra l-Awtorità Maltija tar-Riżorsi, predeċessur tar-Regolatur intimat, rigward ir-regolamentazzjoni tas-settur in kwistjoni. Skont Attard, minkejja li kien hemm deċiżjoni kontra l-Awtorità intimata, din ir-regolamentazzjoni sabiex ikun hawn stabilità fis-suq għadha ma saritx.

**Miriam Micallef Sultana,** Kap tat-Taqsima tal-Liċenzji u Infurzar fi ħdan ir-Regolatur intimat, xehdet li meta s-soċjetà rikorrenti ġiet mitluba biex tissottometti *business plan*, dan ġie sottomess però la kien fih indikazzjoni ta' importazzjoni u lanqas ta' *wholesale* jew ta' xi attività li għandha x'taqsam mal-awtorizzazzjoni. Tgħid li barra minn hekk, irriżulta li mir-rapurtaġġ li s-soċjetà kienet tagħmel lir-Regolatur, l-istess soċjetà kienet biss tixtri mingħand importaturi oħra awtorizzati u li fl-aħħar sitt snin qatt ma impurtat u qatt ma biegħet bl-ingrossa.

Tispjega li s-suq tal-fuel huwa wieħed volatili ħafna u proprju għalhekk jitolbu *business plan* biex jassiguraw rwieħhom li min ikun qiegħed japplika għall-awtorizzazzjoni jkollu ċertu stabbilità.

In kontro-eżami Micallef Sultana qalet li waħda mill-obbligi tar-Regolatur hija li jieħu ħsieb l-interess pubbliku. Qablet ukoll illi ir-Regolamenti jsemmu il-prevenzjoni tal-kompetizzjoni nġusta, però qalet ukoll illi dan huwa kompetenza tal-MCCAA. In ri-eżami tispjega li fil-preżent hemm ħmistax-il awtorizzazzjoni għall-importazzjoni apparti l-Enemed.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tar-Regolament 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.17 (Regolamenti dwar il-Petroleum fis-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa Fuq l-Art, l-Ibbotiljar tal-LPG u l-Faċilitajiet tal-Ħżin Primarji) meta r-Regolatur jieħu deċiżjoni dwar l-għoti, il-ħrug, l-emenda jew tiġdid ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jista' jieħu in kunsiderazzjoni li ġej, u cioè:

*"(a) il-konformità mill-applikant mal-permessi u l-liċenzi l-oħra rilevanti jkunu kif ikunu deskritti maħruġa minn xi awtorità pubblika oħra;*
*(b) il-kapaċità tal-applikant li jiżgura l-kondizzjonijiet ta' sigurtà fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni li jkun qed japplika għaliha;*
*(ċ) l-integrità privata u professjonali tal-applikant;*
*(d) il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;*
*(e) il-protezzjoni tal-ambjent;*
*(f) ir-record ta' ħarsien ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull liġi oħra rilevanti mill-persuna li fuqha tkun ser tingħata d-deċiżjoni;*
*(g) il-konvenjenza tal-faċilità fir-rigward ta' sigurtà, saħħa, sigurezza, sustanzi perikolużi, ambjent, użu tal-art u ħtiġiet tal-ippjanar;*
*(h) il-bżonn għal faċilitajiet u servizzi li għandhom jiġu provduti lill-konsumaturi fil-faċilità in kwistjoni u sa fejn jistgħu jiġu moqdija l-interessi tal-konsumaturi;*
*(i) il-possibilità ta' kondizzjoni monopolistika jew* oligopolistika *fl-industrija tas-suq tal-petroleum bl-ingrossa fuq l-art detrimentali għall-interess pubbliku li*

*jkun qed jinħoloq jew li jkun qed jiġi aggravat, u sa fejn tista' tiġi affettwata l-kompetizzjoni xierqa u raġonevoli fil-bejgħ bl-imnut tal-petroleum;*
*(j) kull ħaġa oħra rilevanti għall-provvista b'mod ordinat tal-petroleum f'Malta; u*
*(k) l-interess pubbliku in ġenerali."*

Ai termini ta' Regolament 14 ir-Regolatur għandu dritt li jirrifjuta talba għal awtorizzazzjoni jew, jekk awtorizzazzjoni tkun inħarġet, talba għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni, għas-segwenti raġunijiet li:

*"(a) ir-Regolatur jikkunsidra li t-talba ma tkunx konformi ma' xi wieħed jew aktar mill-kriterji msemmija fir-regolament 13; jew*
*(b) l-applikazzjoni ma jkunx fiha dik l-informazzjoni kollha mitluba mir-Regolatur fil-formula tal-applikazzjoni jew kull informazzjoni oħra addizzjonali li r-Regolatur jista' jitlob mingħand l-applikant bil-għan li tiġi stabbilita l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni; jew*
*(ċ) l-applikazzjoni ma jkollhiex magħha dak id-dritt tal-applikazzjoni li jiġi speċifikat skont dawn ir-regolamenti:*

*Iżda għal kull deċiżjoni meħuda mir-Regolatur, inkluż ir-rifjut jew ir-revoka ta' xi awtorizzazzjoni, għandha tingħata raġuni sħiħa u għandha tkun soġġetta għal sfida quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva:*

*Iżda wkoll fil-każ ta' nuqqas mir-Regolatur li jinforma lill-applikant f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull deċiżjoni meħuda li tirrigwarda aċċess għal xi attività tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha, inkluż ir-rifjut jew ir-revoka ta' xi awtorizzazzjoni, m'għandux ifisser f'kull mod ikun li jkun, li r-Regolatur ikun approva b'mod impliċitu dik l-awtorizzazzjoni għal xi attività tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha u li l-applikant ikun ġie mogħti b'mod awtomatiku aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha."*

Illi jirriżulta illi wara li s-soċjetà rikorrenti ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha għat-tiġdid, ġiet infurmata permezz ta' ittra datata 26 ta' Frar 2020[2] illi l-istess applikazzjoni ma kinitx kompluta peress li ma kinitx issottomettiet *business plan* bi projezzjonijiet ta' tliet snin. In oltre fl-istess applikazzjoni kien hemm ukoll xi informazzjoni nieqsa għal dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni jekk kienx hemm xi sejbien ta' ħtija fil-kamp penali fl-aħħar ħames snin. Is-soċjetà ntalbet sabiex tibgħat id-dokumentazzjoni rikjesta sat-30 ta' Marzu 2020.

[2] Dokument E a fol. 46

Is-soċjetà rikorrenti reġgħet issottomettiet applikazzjoni bl-informazzjoni kif mitluba, inkluż *business plan*, fid-9 ta' Marzu 2020.[3]

Madanakollu, b'ittra datata 9 ta' Ġunju 2020 is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni kienet qiegħda tiġi rifjutata minħabba s-segwenti raġunijiet:-

1. Fl-aħħar tliet snin il-bejgħ ta' diesel u petrol sar biss bejn il-Kumpaniji ta' Attard Group. In oltre ma kien hemm l-ebda attività rigwardanti *jet fuel* u *biodiesel*. Iktar minn hekk, għalkemm is-soċjetà rikorrenti kienet qiegħda taspira li tibda tinnegozja fis-suq tal-*jet fuel* u l-pitrolju, il-projezzjonijiet juru biss transazzjonijiet ta' ammonti mhux speċifikati ta' *petroleum;*
2. Di più, id-dettalji ta' importazzjoni u bejgħ ta' prodotti tal-*petroleum* mibgħuta lir-Regolatur fuq bażi mensili juru li s-soċjetà ma kellha l-ebda importazzjoni jew bejgħ ta' prodotti tal-*petroelum* għall-aħħar sentejn;
3. Minn dan kollu għalhekk ir-Regolatur ikkonkluda li s-soċjetà ma kinitx qed tagħmel attivitajiet relatati mal-importazzjoni u/jew il-bejgħ ta' prodotti tal-*petroleum*.

Illi s-soċjetà rikorrenti, għalkemm ma tiċħadx illi kien hemm nuqqas ta' attività ta' impurtar u bejgħ da parti tagħha, tispjega illi l-istess kien in parti dovut minħabba kompetizzjoni da parti ta' kompetitur ewlieni, u dan l-iktar fejn jidħol il-*Jet Fuel*. Illi d-difiża prinċipali tagħha hija li n-nuqqas ta' attività ma hix waħda mir-raġunijiet għala r-Regolatur jista' jiċħad li jġedded l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni u bejgħ bl-ingrossa.

Min-naħa l-oħra, ir-Regolatur isostni illi meta huwa qies kollox u ra li l-awtorizzazzjoni ma kinitx qiegħda tintuża u li l-*business plan* ma kienx sodisfaċenti għaliex ma kienx qiegħed jiġi prospettat importazzjoni sinjifikanti, allura ċaħad it-talba għat-tiġdid tal-awtorizzazzoni *de quo*.

Illi kemm mid-deċiżjoni appellata u kemm mill-provi prodotti jirriżulta ampjament ċar illi r-raġuni prinċipali tar-rifjut hija n-nuqqas ta' importazzjoni ta' karburant mis-soċjetà rikorrenti. Minkejja li l-istess soċjetà ppreżentat *business plan* ta' kemm kien beħsiebha timporta karburant għal tliet snin, jirriżulta li ċ-ċifri ppreżentati ma kinux tali li kkonvinċew lir-Regolatur li kien se jkun hemm xi importazzjoni sinjifikanti. It-Tribunal fela wkoll l-istess *business plan* u jasal biex jaqbel mar-Regolatur li l-ammonti proġettati mhumiex kbar.

Illi għalhekk, it-Tribunal irid jeżamina, jekk minkejja dan, ir-Regolatur setax jirrifjuta li jġedded l-awtorizzazzjoni *de quo* lis-soċjetà rikorrenti.

[3] A fol. 48-57

Illi kif xehdet Miriam Micallef Sultana, ir-rekords passati tas-soċjetà rikorrenti juru li l-istess ma impurtat proprju l-ebda karburant biex terġa' tbiegħu fis-sitt snin preċedenti, anzi s-soċjetà kienet tixtri mingħand terzi għall-attivitajiet tagħha. Kenneth Attard spjega li wieħed irid japprezza illi dan il-*business plan* sar f'ċirkostanzi partikolari, fost oħrajn tal-pandemija tal-Covid 19 fejn is-*suppliers* ma setgħux jagħtu garanzija ta' *supply*, l-iktar fejn jidħol il-*jet fuel*. Attard spjega wkoll li minħabba l-posizzjoni dominanti tal-Kumpanija Enemed, huwa diffiċli li wieħed jinfiltra fis-suq u dan kif anke jirriżulta mid-deċiżjoni fl-ismijiet **Uffiċju għall-Kompetizzjoni vs Korporazzjoni Enemalta wara l-ilment ta' Attard Services Limited u Shell Aviation Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2020.[4] Illi dan it-Tribunal ħa *judicial notice* ta' din is-sentenza minn fejn jirriżulta illi Attard Services Limited eventwalment ma baqgħatx tinsisti fuq l-ilment tagħha peress li kienet laħqet xi tip ta' ftehim mal-Enemalta, però l-proċeduri mxew xorta peress li l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni nsista li l-liġi tal-kompetizzjoni kienet ta' ordni pubbliku intiża għal protezzjoni tas-swieq.

Kwindi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt li l-liġi timponi obbligu fuq ir-Regolatur li jirregola s-suq in kwistjoni, huwa daqstant obbligat li r-regolamentazzjoni ssir fl-interess pubbliku. Illi fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal l-interess pubbliku, fost affarijiet oħra, jesiġi li s-suq, għalkemm volatili, ikun immexxi minn kompetizzjoni ġusta. Illi għalhekk kull min hu interessat li jopera fis-settur, u jissodisfa l-kriterji imposti mir-Regolatur, għandu jitħalla jopera billi jingħata awtorizzazzjoni. Illi fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti adempixxiet ruħha ma' dak kollu rikjest mir-Regolatur. Filwaqt li huwa minnu li l-ammont ta' karburant impurtat proġettat mhuwiex kbir, it-Tribunal huwa tal-fehma illi anke operatur żgħir għandu jitħalla jopera, anke jekk id-dominanza ta' kumpanija/i oħra tagħmilhielu xi ftit jew wisq iktar diffiċli. Huwa ferm awspikabbli li jkun hawn numru ta' impurtaturi sabiex ikun hawn kompetizzjoni ġusta fis-suq.

Illi t-Tribunal josserva illi minkejja li r-Regolatur kellu d-*data* kollha a disposizzjoni tiegħu, u kwindi kien jaf li s-soċjetà rikorrenti ma kinitx għamlet użu mil-liċenzja fis-snin passati, xorta waħda stieden lill-istess soċjetà tapplika għal tiġdid tal-istess liċenzja. Illi di più jirriżulta illi meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni għat-tiġdid, Kenneth Attard spjega lir-Regolatur illi l-operat tas-soċjetà kien kundizzjonat minn żewġ fatturi ewlenin, u cioè, r-rilokazzjoni tat-tankijiet tal-ħażna tagħhom minn Birżebbuġa għal post ieħor[5] u wkoll il-kundizzjonijiet tas-suq ta' dak iż-żmien, u cioè fil-kuntest tal-pandemija, li għalkemm kienet għadha ma waslitx f'pajjiżna xorta kien qed jinħass l-effetti

[4] appellata

[5] Dan il-progett kien jifforma parti minn progett ikbar li kellu l-Gvern biex jirriloka t-tankijiet ta' hazna tal-Enemed f'Birzebbuga, liema hazna kienet adjacenti ghat-tankijiet ta' hazna tas-socjeta` rikorrenti

tagħha f'diversi partijiet tad-dinja. Għalhekk f'dak l-istadju s-soċjetà rikorrenti kienet infurmat lir-Regolatur li sakemm dawn iż-żewġ fatturi jiġu ċċarati kien ikun għaqli li l-*business plan* jiġi sottomess iktar 'il quddiem. Madankollu l-istess soċjetà nfurmat lir-Regolatur li jekk xorta jinsisti fuq il-*business plan* allura dan jista' jsir fuq estimi li setgħu jipprovdu.

Illi kif ġie rilevat, ir-Regolatur talab li l-*business plan* jiġi sottomess, u s-soċjetà rikorrenti hekk għamlet. Illi mill-provi miġbura jirriżulta però li r-Regolatur ma qies l-ebda ċirkostanza mressqa mis-soċjetà rikorrenti fl-emejl tagħha tat-30 ta' Jannar 2020, u cioè dwar il-kwistjoni tar-rilokazzjoni u s-sitwazzjoni tal-pandemija u straħ biss fuq l-estimi tal-*business plan* li qieshom bħala mhux suffiċjenti biex tiġġedded l-awtorizzazzjoni.

Illi t-Tribunal iqis li r-Regolatur kien żbaljat fid-deċizjoni tiegħu meta ma ħax in konsiderazzjoni l-fatturi msemmija hawn fuq. Ir-Regolatur warrab l-effetti tal-pandemija tal-Covid 19 għaliex stqarr illi meta sar il-*business plan* il-pandemija kienet għadha lanqas feġġet hawn Malta. Illi, però, ir-Regolatur ma ħax in konsiderazzjoni li l-effetti tal-pandemija kienu diġà jinħassu sew fil-bidu tas-sena 2020 u dan neċessarjament ħalla l-impatt tiegħu fuq is-suq tal-karburanti, bil-lum il-ġurnata, u cioè kważi sena wara, wieħed jista' jagħmel assessjar iktar fattwali tax-xokk fis-sistema ekonomika ta' kull pajjiż. Jirriżulta wkoll illi r-Regolatur lanqas ma ta każ taċ-ċirkostanza tar-rilokazzjoni fl-ambitu ta' proġett ikbar li l-Gvern għandu biex iċaqlaq l-installazzjoni tal-ħżin tal-karburant tal-Kumpanija Enemed minn Birżebbuġa, liema pjan jinkludi fih iċ-ċaqliq ukoll tal-impjant tal-ħażna tas-soċjetà rikorrenti.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjoniet, it-Tribunal hu tal-fehma illi ma ġiex muri x'"interess pubbliku" jista' jkun hemm biex awtorizzazzjonijiet għall-impurtazzjoni ta' karburant ikunu limitati. L-interess pubbliku irid jirriżulta b'mod oġġettiv, u f'dan il-każ ma ntweriex għaliex hu ta' interess pubbliku li ma tiġġeddidx il-liċenzja *de quo*. La jidher li saru xi riflessjonijiet fuq dan, u lanqas ġew murija lill-Qorti l-konsegwenzi għall-"interess pubbliku" f'każ ta' tiġdid tal-liċenzja *de quo*. Il-fatt li s-soċjetà rikorrenti se jkollha operat limitat mhix ġustifikazzjoni oġġettiva sabiex il-liċenzja tagħha ma tiġġeddidx fl-interess pubbliku.

Illi s-soċjetà rikorrenti tisħaq ukoll illi hija kellha aspettativa leġittima proċedurali u sostantiva li l-awtorizzazzjoni *de quo* tiġi mġedda. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-soċjetà rikorrenti għandha raġun fuq dan l-aspett. Ladarba s-soċjetà rikorrenti ma kisret l-ebda obbligu tagħha ai termini tal-awtorizzjoni li kellha, u ladarba ssottomettiet il-*business plan* rikjest, ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni legali jew xort'oħra għala r-Regolatur għandu jirrifjuta t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni. It-Tribunal josserva illi l-operaturi li juru interess serju li jidħlu

f'dan is-suq għandhom jingħataw iċ-ċans sabiex ikun hawn aktar kompetizzjoni fis-suq, minn liema kompetizzjoni tgawdi l-industrija u l-pubbliku in ġenerali.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq elenkati, qiegħed jilqa' l-appell tas-soċjetà rikorrenti u jiċħad ir-risposta tar-Regolatur intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-Regolatur intimat.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**